Anness A

Ministeru	Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa
L-impjieg	Konsulent fl-Anestesija, il-Kura Intensiva u l-Mediċina tal-Uġigħ b'interess speċjali fl-Anestesija Kardjo-Toraċika u Vaskulari fl-Isptar Mater Dei fid-Dipartiment tal-Anestesija, il-Kura Intensiva u l-'Pain Medicine'

OFFICE of the DEPUTY PRIME MINISTER and MINISTRY for HEALTH
15, PALAZZO CASTELLANIA, MERCHANTS STREET, VALLETTA, MALTA

Dmirijiet u responsabbiltajiet:

i. ikun parti mid-Dipartiment tal-Anestesija, il-Kura Intensiva u l-Mediċina tal-Uġigħ u jirrispondi direttament liċ-Ċerpersin Kliniku ta' dan id-Dipartiment;

ii. jieħu sehem fl-attivitajiet tad-Dipartiment, jipparteċipa fi programmi ta' tagħlim u riċerka, jattendi regolarment għal-laqgħat kliniċi u jieħu sehem fil-proċess ta' assigurazzjoni ta' kwalita' u verifika;

iii. iwettaq dmirijiet kemm kliniċi u kif ukoll amministrattivi fi ħdan id-Dipartiment u jipparteċipa fil-ħidma tad-dipartiment, taħt id-direzzjoni taċ-Ċerpersin Kliniku, tad-Deputat Ċerpersin Kliniku u tal-'lead clinicians' (fejn applikabbli) tad-Dipartiment;

iv. jipprovdi kura anestetika peri-operattiva lil pazjenti li jgħaddu minn interventi kirurġiċi, inklużi, iżda mhux limitati għal, proċeduri kirurġiċi kardjo-toraċiċi u vaskulari, u jagħti kura fil-livell ta' konsulent fl-ambitu sħiħ tal-Anestesija u l-Kura Intensiva, inkluża l-kura kritika peri-operattiva ta' dawn il-pazjenti;

v. jikkontribwixxi għall-edukazzjoni, is-superviżjoni u t-taħriġ tal-membri tad-Dipartiment tal-Anestesija;

vi. jipparteċipa f'attivitajiet ta' governanza klinika, inklużi l-verifika klinika ('clinical audit'), ir-reviżjonijiet tal-morbidità u l-mortalità, ir-rappurtar ta' inċidenti u inizjattivi għat-titjib tal-kwalità;

vii. jista' ukoll jkun meħtieġ li jipprovdi servizz f'xi estensjoni futura ta' servizzi tas-saħħa hekk kif provdut fi skema komprensiva tas-Saħħa Nazzjonali;

viii. jiżgura li d-dixxiplina u l-prattika (inkluż aspetti tal-iġjene u kontroll ta' infezzjoni) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tiegħu/tagħha jkunu ta' l-ogħla livell possibbli;

ix. jipprovdi pariri dwar il-programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni fir-rispett tal-impjegati li jieħdu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tiegħu/tagħha u jikkollabora/tikkollabora ma' u tagħti parir lill-membri oħra mediċi;

x. jipparteċipa fis-sistema tal-'on-call' tad-Dipartiment hekk kif inkarigat mic-Ċerpersin kliniku;

xi. jipparteċipa fit-tagħlim u t-taħriġ ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni skont il-ħtieġa;

xii. jipparteċipa meta mitlub, f'bordijiet tal-għażla, bordijiet dixxiplinarji u bordijiet tal-akkwist;

xiii. jwettaq sessjonijiet kliniċi hekk kif mfassal fil-pjan tax-xogħol bi ftehim maċ-Ċerpersin Kliniku u mal-Amministrazzjoni tal-Isptar;

xiv. jipparteċipa u jkun attiv fi rwol ewlieni fis-servizzi tal-Anestesija Kardjo-Toraċika u Vaskulari pprovduti mid-Dipartiment;

xv. jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fl-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u l-Ministeru għas-Saħħa;

xvi. jifhem u japprezza l-impatt potenzjali tal-iżvilupp teknoloġiku u r-riżultati ġodda tar-riċerka fuq il-prattika tal-Anestesija Kardjo-Toraċika u Vaskulari;

xvii. izomm aġġornat/a mal-bidliet fil-prattika tal-Anestesija u l-Kura Intensiva bħala konsegwenza ta' proċess ta' tagħlim tul il-karriera.

xviii. jaħdem mill-inqas [sessjoni klinika waħda (1) fil-ġimgħa / ġurnata waħda fil-ġimgħa / ġimgħa kontinwa kull ħames (5) ġimgħat] fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, kif approvat miċ-Ċerpersin Kliniku. Dan l-obbligu jista' jiġi rrevedut skont l-esiġenzi tas-servizz;

xix. iwettaq dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Annex A

Ministry	Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health
Job title	Post of Consultant in Anaesthesia, Intensive Care and Pain Medicine with a special interest in Cardio-thoracic and Vascular Anaesthesia at Mater Dei Hospital in the Department of Anaesthesia, Intensive Care and Pain Medicine

OFFICE of the
DEPUTY PRIME
MINISTER and MINISTRY for HEALTH
15, PALAZZO CASTELLANIA, MERCHANTS STREET, VALLETTA, MALTA

Duties and responsibilities:

i. forms part of the Department of Anaesthesia, Intensive Care and Pain Medicine and will be directly responsible to Clinical Chairperson of this Department;

ii. takes part in the activities of the Department, participates in its teaching and research programmes, attends clinical meetings regularly and partakes in the process of quality assurance and audit;

iii. performs clinical and administrative duties within the Department and participates in the division/departmental activities under the direction of and as assigned by the Clinical Chairperson, Deputy Clinical Chairperson and Lead Clinicians (if applicable);

iv. provides peri-operative anaesthetic care for patients undergoing surgical interventions, including but not limited to cardio-thoracic and vascular surgical procedures, delivering consultant-level care across the full scope of Anaesthesia and Intensive Care, including the peri-operative critical care of these patients;

v. contributes to the education, supervision and training of members of the Anaesthesia Department;

vi. participates in clinical governance activities, including clinical audit, morbidity and mortality reviews, incident reporting and quality improvement initiatives;

vii. providing service in any future extension of the health services as provided under a Comprehensive National Health Scheme;

viii. ensuring that discipline and practice (including aspects of hygiene and infection control) affecting patients under his/her care are of the highest possible level;

ix. providing advice about ongoing training and education programmes in respect of the staff caring for the patients under his/her charge and liaising with and advising other members pertaining to the speciality;

x. participates in the on-call rotas as directed by the Clinical Chairperson;

xi. participates in undergraduate and postgraduate teaching and training as required;

xii. participates, when asked in selection boards, disciplinary boards and procurement boards;

xiii. performs clinical output as agreed in the job plan approved by the Clinical Chairperson and Hospital management;

xiv. participating and playing an active leading role in the Cardio-thoracic and Vascular Anaesthesia services provided by the Department;

xv. makes use of the Information Technology systems which may be in operation within the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health;

xvi. recognises the potential influence of technological advancements and emerging research findings on the practice of Cardio-thoracic and Vascular Anaesthesia.

xvii. keep up to date with changes in Anaesthesia and Intensive Care practice as a consequence of a lifelong learning process

xviii. works at least [one (1) clinical session per week / one day per week / one continuous week every five (5) weeks] at the Gozo General Hospital, as approved by the Clinical Chairperson. This obligation may be reviewed according to the exigencies of the service;

xix. carries out any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.